DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Mejju 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-listi ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u l-unitajiet veterinarji fi Traces

(notifikata bid-dokument C(2013) 2905)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/235/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u partikolarment l-Artikolu 20(1) u (3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [2], u partikolarment it-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [3], u partikolarment l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 dwar it-tfassil ta' lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet imwettqa mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi TRACES [4], tistabbilixxi lista ta' postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera approvati b'konformità mad-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE. Din il-lista hija stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.

(2) Id-Danimarka kkomunikat li ċentru ta' spezzjoni ġdid ġie miżjud fil-post ta' spezzjoni fuq il-funtiera fil-port ta' Esbjerg. Għalhekk, il-lista ta' annotazzjonijiet għal dak l-Istat Membru kif stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(3) Wara komunikazzjoni mill-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Portugall, l-annotazzjonijiet għall-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera f'dawk l-Istati Membri għandhom jiġu emendati fil-lista stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

(4) Is-servizz ta' verifika tal-Kummissjoni (li qabel kien magħruf bħala s-servizz ta' spezzjoni tal-Kummissjoni), l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju, wettaq verifika fi Spanja, wara li għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Spanja kkomunikat li port u diversi postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-ajruporti għandhom jiġu temporanjament sospiżi. Għalhekk, l-annotazzjonijiet għal dawk il-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntieri stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(5) L-Italja kkomunikat li l-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fil-port ta' Brindisi għandu jitħassar mil-lista ta' annotazzjonijiet għal dak l-Istat Membru. Il-Portugall ikkomunika li l-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fil-port ta' Viana do Castelo għandu jitħassar mil-lista ta' annotazzjonijiet għal dak l-Istat Membru. Il-listi ta' annotazzjonijiet għal dawk l-Istati Membri kif stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(6) Ir-Renju Unit ikkomunika li l-post ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' Hull għandu jiġi sospiż temporanjament. Il-lista ta' annotazzjonijiet għal dak l-Istat Membru kif stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha tiġi emendata skont dan.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
[2] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[3] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
[4] ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1.

(7) Wara verifika sodisfaċenti mwettqa mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju fil-Litwanja, l-approvazzjoni ta' post ta' spezzjoni fil-fruntiera f'Kybartai, li jiftaħ uffiċjalment fil-21 ta' Mejju 2013, tista' tiġi estiża għal annimali ħajjin għall-kategoriji kollha (U, E u O). Għalhekk, l-annotazzjoni rilevanti għal dak l-Istat Membru kif stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(8) L-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jistabbilixxi l-lista tal-unitajiet ċentrali, l-unitajiet reġjonali u l-unitajiet lokali fis-sistema veterinarja kompjuterizzata integrata (Traces).

(9) Wara komunikazzjonijiet mid-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u r-Renju Unit, għandhom isiru ċerti bidliet fil-lista ta' unitajiet ċentrali, reġjonali u lokali fi Traces għal dawn l-Istati Membri stipulati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

(10) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-emenda stabbilita fil-punt (1)(a) tal-Anness għandha tapplika mill-21 ta' Mejju 2013.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-parti li tikkonċerna lid-Danimarka, l-annotazzjoni għall-port ta' Esbjerg tiġi sostitwita b'li ġej:

"Esbjerg	DK EBJ 1	P	Intercargo Coldstores ApS	HC-T(FR)(1)(2), HC-NT(6), NHC-T(FR)(2), NHC-NT(6)(11)	
			E D & F Man Terminals Denmark ApS	HC-NT(6), NHC-NT(6)(11)"	

(b) il-parti li tikkonċerna lill-Ġermanja tiġi emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għall-port ta' Cuxhaven tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Cuxhaven	DE CUX 1	P		HC-T(FR)(2)(3)"	

(ii) l-annotazzjoni għall-port ta' Hannover-Langenhagen tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Hannover-Langenhagen	DE HAJ 4	A		HC(2), NHC(2)	O (10)"

(iii) l-annotazzjoni għall-port ta' Jade-Weser-Port Wilhelmshaven tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"JadeWeserPort Wilhelmshaven	DE WVN 1	P		HC, NHC-T(FR), NHC-NT"	

(c) il-parti li tikkonċerna lil Spanja tiġi emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Almeria tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Almeria(*)	ES LEI 4	A		HC(2)(*), NHC(2)(*)	O(*)"

(ii) l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Bilbao tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Bilbao(*)	ES BIO 4	A		HC(2)(*), NHC(2)(*)	O(*)"

(iii) id-daħla għall-ajruport ta' Gerona tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Gerona(*)	ES GRO 4	A		HC(2)(*), NHC(2)(*)"	

(iv) id-daħla għall-port ta' Las Palmas de Gran Canaria tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Las Palmas de Gran Canaria	ES LPA 1	P	Productos	HC, NHC	
			Animales(*)		U(*), E(*), O(*)"

(v) id-daħla għall-ajruport ta' Madrid tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Madrid	ES MAD 4	A	Iberia	HC-T(FR)(2), HC-NT(2), NHC(2)	U, E, O
			Flightcare	HC(2), NHC-T(CH)(2), NHC-NT(2)	O
			PER4	HC-T(CH)(2)	
			WFS: World Wide Flight Services	HC(2), NHC-T(CH)(2), NHC-NT	O"

(vi) l-annotazzjoni għall-port ta' Málaga tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Málaga	ES AGP 1	P		HC, NHC(*)	U(*), E(*), O"

(vii) l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Palma de Mallorca tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Palma de Mallorca(*)	ES PMI 4	A		HC(2)(*), NHC(2)(*)	O(*)"

(viii) l-annotazzjonijiet għall-ajruport u l-port ta' Santander jiġu sostitwiti b' dan li ġej:

"Santander(*)	ES SDR 4	A		HC(2)(*), NHC(2)(*)	
Santander(*)	ES SDR 1	P		HC(*), NHC(*)"	

(ix) l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Santiago de Compostela tiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Santiago de Compostela(*)	ES SCQ 4	A		HC(2)(*), NHC(2)(*)"	

(x) l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Vigo tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Vigo(*)	ES VGO 4	A		HC(2)(*), NHC(2)(*)"	

(xi) l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Vitoria tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Vitoria(*)	ES VIT 4	A		HC(2)(*), NHC-NT(2)(*), NHC-T(CH)(2)(*)	U(*), E(*), O(*)"

(d) fil-parti li tikkonċerna Franza, l-annotazzjoni għall-port ta' Sète tiġi sostitwita b'li ġej:

"Sète	FR SET 1	P		HC(1)(2), NHC-NT"	

(e) il-parti li tikkonċerna lill-Italja tiġi emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għall-port ta' Brindisi titħassar;

(ii) l-annotazzjoni għall-port ta' Livorno-Pisa tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Livorno-Pisa	IT LIV 1	P	Porto Commerciale	HC, NHC-NT	
			Sintemar(*)	HC(*), NHC(*)	
			Lorenzini	HC, NHC-NT	
			Terminal Darsena Toscana	HC, NHC"	

(iii) l-annotazzjoni għall-port ta' Taranto tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taranto	IT TAR 1	P		HC, NHC-NT"	

(f) fil-parti li tikkonċerna lill-Latvja, l-annotazzjoni għall-port f'Riga (BFT) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Riga (BFT)	LV RIX 1b	P		HC-T(FR)(2), HC-NT(2)"	

(g) fil-parti li tikkonċerna l-Litwanja, l-annotazzjoni għat-triq f'Kybartai tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Kybartai(13)	LT KBK 3	R		HC, NHC	U, E, O"

(h) fil-parti li tikkonċerna l-Pajjiżi l-Baxxi, l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Amsterdam tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Amsterdam	NL AMS 4	A	Aviapartner Cargo B.V.	HC(2), NHC-T(FR), NHC-NT(2)	O(14)
			Schiphol Animal Centre		U(8), E
			KLM-2		U, E, O(14)
			Freshport	HC(2), NHC(2)	O(14)"

(i) il-parti li tikkonċerna lill-Portugall tiġi emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għall-ajruport ta' Porto tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Porto	PT OPO 4	A		HC-T(CH)(2), NHC-NT(2)"	

(ii) l-annotazzjoni għall-port fi Viana do Castelo titħassar;

(j) fil-parti li tikkonċerna r-Renju Unit, l-annotazzjoni għall-port ta' Hull tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Hull(*)	GB HUL 1	P		HC-T(1,3)(*), HC-NT (1,3)(*)"	

(2) L-Anness II jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-parti li tikkonċerna lid-Danimarka, l-annotazzjoni għall-unità lokali "DK00100 RØDOVRE" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"DK00100	GLOSTRUP",

(b) fil-parti li tikkonċerna l-Ġermanja, l-annotazzjoni għall-unità lokali "DE32403 Osnabrueck, Stadt" titħassar;

(c) il-parti li tikkonċerna lill-Italja tiġi emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għall-unità lokali "IT00410 TERNI-AREA ORVIETANA" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IT00410	TERNI"

(ii) l-annotazzjonijiet li ġejjin għall-unità reġjonali "IT00010 UMBRIA" jitħassru:

"IT00110	CITTA' DI CASTELLO
IT00310	FOLIGNO",

(d) il-parti li tikkonċerna lill-Pajjiżi l-Baxxi tiġi emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għall-unità ċentrali "NL00000 VWA"tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"NL00000	NVWA"

(ii) l-annotazzjonijiet għall-ħames unitajiet reġjonali attwali VWA NOORD, VWA NOORDWEST, VWA OOST, VWA ZUID u VWA ZUIDWEST jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"NL00001	NVWA NOORD
NL00002	NVWA NOORDWEST
NL00003	NVWA OOST
NL00004	NVWA ZUID
NL00005	NVWA ZUIDWEST"

(e) il-parti li tikkonċerna lill-Awstrija tiġi emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għall-unità lokali "AT00602 BRUCK AN DER MUR" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"AT00602	BRUCK-MÜRZZUSCHLAG"

(ii) l-annotazzjoni għall-unità lokali "AT00604 FELDBACH" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"AT00604	SÜDOSTSTEIERMARK"

(iii) l-annotazzjoni għall-unità lokali "AT00608 HARTBERG" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"AT00608	HARTBERG-FÜRSTENFELD"

(iv) l-annotazzjonijiet li ġejjin għall-unità reġjonali "AT00600 STEIERMARK" jitħassru:

"AT00605	FÜRSTENFELD
AT00615	MÜRZZUSCHLAG
AT00616	RADKERSBURG"

(f) fil-parti li tikkonċerna r-Renju Unit, l-annotazzjoni għall-unità lokali "GB07104 LARNE" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"GB07104	MALLUSK"